**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 441/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**
**vs**
**Mohamed Mokhtar Mohamed Jamhur**

**Illum 2 ta' Novembru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mohamed Mokhtar Mohamed Jamhur ta' 26 sena, iben Mokthar u Mary nee' Azzopardi, imwieled Tripli nhar is-17 ta' Dicembru, 1991 u detenut gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita' numru 371205L

Akkuzat talli fit-13 ta' Maqrfzu, 2017 f'xi hin bejn is-13:00 hrs u 18:40 hrs gewwa l-Belt Valletta:

1. Mill-ATM tal-fergha tal-bank APS gewwa Triq ir-Repubblika l-Belt, f'diversi drabi, ikkommetta serq ta' diversi flejjes, liema somma ta' flus tammonta ghal €370 billi ghamel uzu illecitu minn credit card liema serq hu

kwalifikat bil-valur u bil-hin ghad-dannu ta' Maria-Virginia Calleja u/jew persuni ohra;

2. Ikkommetta serq ta' debit card mahruga mill-fergha tal-bank APS, liema serq huwa aggravat bix-xorti tal-haga misruqa u bil-mezz, ghad-dannu ta' Maria-Virginia Calleja.

3. B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera' haga b'ohra sabiex gieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Maria-Virgina Calleja u/jew persuni ohra.

4. Ghamel uzu ta' kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'kompjuter, dan sar ghad-detriment ta' Maria-Virginia Calleja u/jew persuni ohra.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija titratta mal-imputat li huwa recediv ai termini ta' 49, 50 u 289 u dan wara diversi sentenzi li saru definittivi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 2 ta' Novembru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, personal details tal-imputat, fedina penali, dikjarazzjoni ta' rifjut ta' jedd ghal parir legali mmarkat bhala Dok PCL1, stqarrija mmarkata bhala Dok PCL2, current incident report immarkat bhala Dok PCL3.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, izda tara li fic-cirkostanzi ghandha timponi sentenza ta' prigunerija effettiva u dan peress li minn studju akkurat tal-fedina penali ta' l-imputat jirrizulta li huwa nghata hafna opportunitajiet biex jirriforma ruhhu haga, li qatt ma ha l-opportunita' u ghamilha u ghalhekk din il-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tordna li l-imputat jinghata l-prigunerija effettiva.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261, 267, 270, 271, 284, 289, 308, 310, 337C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perjdou komplessiv ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija effettiva.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**